MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2006

Numru 350/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Bonello**

**V**

**JOHN BUGEJA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOHN BUGEJA** ta' sebgha w tletin sena bin Paul w Emanuela nee Camilleri, imwieled Pieta nhar s-sitta w ghoxrin ta’ April 1969 li joqghod 'Myha National Office’ 17, Triq tal-Borg, Paola, detentur tal-karta tal-identita numru 0228969M gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar s-sittax ta’ April 2006 ghall-habta tat-tmeinja neqsin ghaxar ta’ filghodu f’Tal Pieta:

1. Ikkommetta serq ta’ stereo tal-marka Kenwood, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz ghad-dannu ta’ Joseph Spiteri minn Tal Pieta;

2. Talli fl-istess data, hin, lik u cirkostanzi, ghamel hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe fil-vann bin-numru ta' registrazzjoni IMY 329, liema hsara hija izjed minn hamsin lira maltin izda inqas minn hames mitt lira maltin ghad-dannu tal-imsemmi Joseph Spiteri;

3. Talli kkommetta reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza datata tlettax ta' Ottubru 2004 moghtija fil-konfront tieghu mill-Magistrat Dottor Lawrence Quintano ;

4. Talli li sar recidiv b'sentenza moghtija fil-konfront tieghu mill-Magistrat Dottor Miriam Hayman nhar s-sitta w ghoxrin ta' Settembru 2003.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat sbatax ta' April 2006 esibit fl-atti sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat in-nuqqas t'oggezzjoni tal-imputat li jigi gudikat minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta, kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar s-sitta w ghoxrin ta' April 2006 meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Semghet lid-difiza titlob n-nomina ta' Probation Officer sabiex thejji *pre sentencing inquiry report* dwar l-imputat.

Ghalhekk il-Qorti nnominat lil Probation Officer Marietta Lanzon ghal dan l-ghan.

Illi nhar d-dsatax ta’ Gunju 2006 dehret l-Probation Officer Marietta Lanzon li ppresentat u halfet r-rapport taghha li gie mmarkat bhala dokument PSIR.

Minn ezami ta’ dan d-dokument jirrizulta li l-imputat trabba f’familja bi problemi socjali kbar billi l-genituri tieghu sseparaw waqt l-adolixxenza tieghu. In-nuqqas ta’ qbil bejn ommu w missier wassalhom biex jisseparaw w ommu spiccat trabbi lil imputat u lil hutu wahedha minghajr ghajnuna morali u finanzjarja ta’zewgha. Jirrizulta li f’dan il-perjodu l-imputat kien nieqes mid-direzzjoni u peress li ommu kellha wisq problemi taghha u ma setghetx tinduna li binha kien qed jigi effettwat bl-agir ta’ missieru, sab wens fid-droga. Jirrizulta li l-imputat ilu jabbuza mid-droga tnejn w ghoxrin sena u wara ftit li beda jabbuza mid-droga beda jattendi l-Caritas u tul dan l-istess zmien kellu l-ghajnuna ta’ ommu u hutu, izda l-imputat kellu wkoll problema ta’ personalita li zammitu milli jibbenefika sew mill-programm residenzjali li kien qed jattendi.

Persuni li hadmu ma l-imputat jghidu li meta jkun kontenut f’post bhal programm, jew f’*home* jew *shelter*, ghal ewwel jidher li hu ikun qed jahdem tajjeb, pero meta johrog u jibda jfendi ghal rasu, ma jgharafx r-responsabbilita tieghu li jrid izomm boghod mid-droga u jerga jibda jabbuza.

Mill-informazzjoni li hija gabret, jidher li l-problema li l-imputat ghandu llum hija wahda kronika [*chronic relapser*] u hu m’ghandhux kontroll tas-sitwazzjoni li jinsab fiha. Jidher li kull tentattiv li ghamel sabiex johrog minn din l-problema, kienu kollha ghal xejn. Hu qed juri wkoll certa ghejja u jaqta qalbu mis-sitwazzjoni li jinsab fiha. Jirrizulta li l-imputat diga bbenefika minn diversi entitajiet fosthom il-Caritas, Suriet il-Bniedem u l-isptar Monte Carmeli w ghalhekk jista jkun li llum huwa tard wisq li xi darba jirnexxielu jieqaf ghal kollox mill-abbuz tad-droga.

Harsa lejn il-fedina penali tal-imputat taghti stampa cara ta’ dan fis-sens li turi diversi reati fosthom ta’ serq, attentati ta’ serq jew reati relatati m’abbuz tad-droga, liema reati gew kommessi fil-perjodu li kien qed jiskonta sentenza sospiza.

L-Ufficjal tal-Probation Marietta Lanzon rrakkomandat li jkun ferm ghaqli li l-imputat jinghata piena karcerarja bizzejjed sabiex jibda u jispicca programm residenzjali kontra l-abbuz tad-droga minn wara li jigi assessjat mill-awtoritajiet kompetenti fil-Facilita Korrettiva ta’ Kordin specjalment rigward l-kundizzjoni psikologika tieghu li tidher li hi wahda dghajfa.  Infurmat lil Qorti li kemm l-ufficju tal-probation kif wkoll l-agenzija Caritas offrew ghajnuna estensiva lil imputat biex jikkontrolla l-vizzju tieghu sabiex ma jkunx ta’ riskju ghas-socjeta, pero l-imputat ma kellux l-kuragg li jiehu l-opportunitajiet li gew offruti lilu u baqa jaghzel t-triq tal-hajja kriminali.

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serju hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn dan il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti thoss li m’ghandhix taghti cans iehor lil imputat sabiex jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta li wara kollox hu wkoll jaghmel parti minnha u dan ghaliex hu ma wera ebda motivazzjoni li l-isforz tieghu huwa wiehed genwin sabiex jaqbad t-triq t-tajba.

Illi ghalhekk, fid-dawl ta’ dan kollu, l-Qorti thoss li l-piena idoneja f’dan il-kaz, ma hi xejn inqas minn piena karcerarja.

Minn ezami tal-fedina penali reflettarja tal-imputat jirrizulta li l-imputat odjern ghandu sittax il-konvinzjoni registrata fuqha, fost akkuzi ohra ta' tentattiv ta' serq aggravat, pussess ta' droga f'diversi okkazzjonijiet u falsifikazzjoni, fejn inghata pieni ta' multa, sentenza ta' prigunerija sospizi u probation orders, pero dan nonostante, l-imputat ma tghallimx minn dawn l-opportunitajiet moghtija lilu mill-Qorti u rega' qieghed il-Qorti akkuzat bir-reati odjerni.

**Ghalhekk il-Qorti,** wara li rat l-artikolu 28B, 49, 50, 263, 278(1) u 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ssib lil imputat JOHN BUGEJA hati tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tikkundannah ghall-akkuzi odjerni, ghal piena ta' prigunerija effettiva ta' sentejn [2].**

**Oltre dan il-Qorti tordna li s-sentenza sospiza moghtija fil-konfront tieghu nhar t-tlettax ta' Ottubru 2004 ta' sentejn prigunerija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tigi reza applikabbli u <u>b'hekk l-imputat JOHN BUGEJA ghandu jaghmel erbgha [4] snin prigunerija effettivi.</u>**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------